



Il-prinċipju ta' ugwaljanza tar-remunerazzjonijiet bejn ħaddiema rġiel u ħaddiema nisa stabbilit mid-dritt tal-Unjoni jista' jiġi invokat direttament, għall-“istess xogħol” kif ukoll għal “xogħol tal-istess valur”, f'tilwim bejn individwi.

Tesco Stores hija bejjiegħ bl-imnut li jbigħ il-prodotti tiegħu online u fi ħwienet li jinsabu fir-Renju Unit. Dawn il-ħwienet, ta' daqs varjabbli, għandhom total ta' madwar 250 000 ħaddiem li jeżerċitaw tipi differenti ta' impiegi. Din il-kumpannija għandha wkoll network ta' distribuzzjoni li jinkludi madwar 11 000 impjegat, li jeżerċitaw diversi tipi ta' impiegi. Madwar 6 000 impjegat jew ex-impjegat ta' Tesco Stores, kemm ta' sess femminili kif ukoll ta' sess maskili, li jaħdmu jew li kienu jaħdmu fi ħdan il-ħwienet ta' din il-kumpannija, ħarrku lil din il-kumpannija quddiem il-qorti tar-rinviju, il-Watford Employment Tribunal (il-Qorti Industrijali ta' Watford, ir-Renju Unit), mix-xahar ta' Frar 2018, għar-raġuni li dawn ma kinux ibbenefikaw minn ugwaljanza fir-remunerazzjoni bejn ħaddiema maskili u ħaddiema femminili għal xogħol ugwali, bi ksur tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-Artikolu 157 TFUE¹. Din il-qorti ssuspendiet il-proċeduri fuq talbiet tal-ħaddiema maskili, billi qieset li d-destin tagħhom kien jiddependi minn dak tat-talbiet tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, ta' sess femminili.

Issa, dawn tal-aħħar isostnu li x-xogħol tagħhom u dak tal-ħaddiema maskili impjegati minn Tesco Stores fiċ-ċentri ta' distribuzzjoni tan-network tagħha huma tal-istess valur u li huma għandhom id-dritt li jipparagunaw ix-xogħol tagħhom u dak ta' dawn il-ħaddiema, minkejja li dan ix-xogħol isir fi stabbilimenti differenti, skont l-Artikolu 157 TFUE. Konformement ma' dan l-artikolu, il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom u dawk tal-imsemmija ħaddiema huma attribwibbli għal “sors uniku”, jiġifieri Tesco Stores. Din il-kumpannija tqis, min-naħa tagħha, li l-Artikolu 157 TFUE ma għandux effett dirett fil-kuntest ta' talbiet ibbażati fuq xogħol tal-istess valur, b'tali mod li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali ma jistgħux jinvokawh quddiem il-qorti tar-rinviju. Barra minn hekk, hija tikkontesta li tista' tiġi kklassifikata bħala “sors uniku”.

Fir-rigward tal-Artikolu 157 TFUE, il-qorti tar-rinviju tirrileva li teżisti, fi ħdan il-qorti Britanniċi, inċertezza fir-rigward tal-effett dirett ta' dan l-artikolu li huwa marbut, b'mod partikolari, mad-distinzjoni li kienet ġiet ifformulata mill-Qorti tal-Ġustizzja bejn id-diskriminazzjoni li tista' tiġi kkonstatata bl-għajnuna tal-kriterji ta' identiċità tax-xogħol u ta' ugwaljanza tar-remunerazzjonijiet biss, u dawk li jistgħu jiġu kkonstatati biss skont dispożizzjonijiet ta' applikazzjoni iktar espliciti². Issa, it-talbiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali jistgħu jaqgħu taħt din it-tieni kategorija, nieqsa minn effett dirett.

Huwa f'dan il-kuntest li l-qorti tar-rinviju adixxiet lill-Qorti tal-Ġustizzja. Fis-sentenza tagħha, **il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċidi li l-Artikolu 157 TFUE għandu effett dirett f'tilwimiet bejn individwi li fihom jiġi invokat in-nuqqas ta' osservanza tal-prinċipju ta' ugwaljanza tar-remunerazzjonijiet bejn ħaddiema maskili u ħaddiema femminili għal “xogħol tal-istess valur”, kif imsemmi f'dan l-artikolu.**

¹ Skont din id-dispożizzjoni, “[k]ull Stat Membru għandu jassigura li l-prinċipju ta' paga ugwali għall-ħaddiema maskili u femminili għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali, għandu jkun applikat.”

² F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tirreferi għall-punt 18 tas-sentenza tat-8 ta' April 1976, Defrenne, [43/75](#)

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata l-ġurisdizzjoni tagħha, skont l-Artikolu 86 tal-Ftehim dwar il-fruġ³, sabiex tirrispondi għat-talba għal deċiżjoni preliminari, minkejja l-fruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea.

Fuq il-mertu, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva, qabel kollox, fir-rigward tal-formulazzjoni tal-Artikolu 157 TFUE, li dan l-artikolu jimponi, b'mod ċar u preċiż, obbligu ta' riżultat u għandu natura imperattiva kemm f'dak li jirrigwarda l-“istess xogħol” kif ukoll “xogħol tal-istess valur”. Hija tfakkar sussegwentement li, skont il-ġurisprudenza stabbilita tagħha, l-Artikolu 157 TFUE jipproduċi effetti diretti billi joħloq, fir-rigward tal-individwi, drittijiet li l-qrati nazzjonali għandhom jiproteġu, b'mod partikolari fil-każ ta' diskriminazzjonijiet li għandhom direttament is-sors tagħhom f'dispożizzjonijiet leġiżlattivi jew fi ftehim kollettivi ta' xogħol kif ukoll fil-każ fejn ix-xogħol jitwettaq fl-istess stabbiliment jew fl-istess dipartiment, pubbliku jew privat. Il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li hija ppreċiżat li tali diskriminazzjonijiet kienu fost dawk li setgħu jiġu kkonstatati biss permezz tal-kriterji ta' identità tax-xogħol u ta' remunerazzjoni ugwali pprovduti mill-Artikolu 119 tat-Trattat KEE u li, fil-preżenza ta' tali sitwazzjoni, il-qorti kienet f'pożizzjoni li tistabbilixxi l-elementi kollha ta' fatt li jippermettulha tevalwa jekk ħaddiema femminili rċevitx remunerazzjoni inferjuri għal dik ta' ħaddiem maskili li jwettaq l-istess xogħol jew xogħol ta' valur ugwali⁴. Għalhekk, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, kuntrarjament għal dak li ssostni Tesco Stores, l-effett dirett tal-Artikolu 157 TFUE ma huwiex limitat għas-sitwazzjonijiet li fihom il-ħaddiema ta' sess differenti pparagunati jwettqu “l-istess xogħol”, iżda jestendi wkoll għas-sitwazzjonijiet ta' “xogħol tal-istess valur”. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża li l-kwistjoni dwar jekk il-ħaddiema kkonċernati jwettqux l-“istess xogħol” jew “xogħol tal-istess valur” taqa' taħt evalwazzjoni fattwali tal-qorti.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-għan imfittex mill-Artikolu 157 TFUE, jiġifieri l-eliminazzjoni, għall-istess xogħol jew għal xogħol tal-istess valur, ta' kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess għall-elementi u għall-kundizzjonijiet ta' remunerazzjoni kollha, jikkonferma tali interpretazzjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li l-prinċipju ta' ugwaljanza tar-remunerazzjonijiet bejn ħaddiema maskili u ħaddiema femminili għall-istess xogħol jew għal xogħol tal-istess valur previst fl-Artikolu 157 TFUE jiffirma parti mill-pedamenti tal-Unjoni.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li, meta d-differenzi osservati fil-kundizzjonijiet ta' remunerazzjoni ta' ħaddiema li jwettqu l-istess xogħol jew xogħol tal-istess valur ma jkunux jistgħu jiġu attribwiti lil sors uniku, ikun hemm nuqqas ta' entità li tista' tistabbilixxi mill-ġdid l-ugwaljanza fit-trattament, b'tali mod li tali sitwazzjoni ma taqax taħt l-Artikolu 157 TFUE. Min-naħa l-oħra, meta tali kundizzjonijiet ta' remunerazzjoni jkunu jistgħu jiġu attribwiti lil sors uniku, ix-xogħol u r-remunerazzjoni ta' dawn il-ħaddiema jkunu jistgħu jiġu pparagunati, anki jekk dawn tal-aħħar jaħdmu fi stabbilimenti differenti. Konsegwentement, din id-dispożizzjoni tista' tiġi invokata quddiem il-qrati nazzjonali f'kawża bbażata fuq xogħol tal-istess valur imwettaq minn ħaddiema ta' sess differenti li għandhom l-istess persuna li timpjega fi stabbilimenti differenti ta' din il-persuna li timpjega, peress li din tikkostitwixxi tali sors uniku.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

³ Ara d-Deċiżjoni (UE) 2020/135, tat-30 ta' Janjar 2020, dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-fruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (KEEA) (ĠU 2020, L 29, p. 1), li permezz tagħha l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea approva, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-KEEA, dan il-ftehim, li ġie anness ma' din id-deċiżjoni (ĠU 2020, L 29, p. 7). Il-Qorti tal-Ġustizzja tindika li mill-Artikolu 86 tal-imsemmi ftehim jirriżulta li hija tibqa' bil-ġurisdizzjoni li tagħti deċiżjoni preliminari dwar it-talbiet tal-qrati Brittaniċi mressqa qabel it-tmiem tal-perjodu tranżitorju stabbilit għall-31 ta' Diċembru 2020, li huwa l-każ f'din il-kawża.

⁴ Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-8 ta' April 1976, Defrenne, [43/75](#), u tal-11 ta' Marzu 1981, Lloyds Bank, [69/80](#), dwar l-Artikolu 119 tat-Trattat KEE, li sar, wara emenda, l-Artikolu 141 KE, li huwa stess sar l-Artikolu 157 TFUE.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106